# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar il-Gimgha 21 ta' Gunju 2002

Citazzjoni numru 1017/2000 AJM

Kawza numru

Anthony Curmi

Vs

Joseph Mifsud

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fl-24 ta' Mejju 2000 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi fit-12 ta' Frar 2000 waqt li ibnu u cioe Leo Curmi kien qed isuq il-vettura Opel Saloon BAT 773 proprjeta' ta' l-istess attur gewwa Sliema Road, kantuniera ma Rue D'Argens, Gzira u dana ghal habta tas-1.30 p.m. dina sfat involuta f'incident ma vettura ossia karozza tal-linja tal-marka Bedford numru tar-registrazzjoni EBY 545 misjuqa mill-konvenut Joseph Mifsud; illi dan l-incident sehh unikament tort tal-konvenut li kien qed isuq il-vettura tieghu b'sewqan eccessiv, traskurat u negligenti konsistenti fil-fatt li l-istess kovenut naqas illi joserva l-indikazzjoni sejaletika fl-akkwati li dak il-hin kien fuq il-kulur ahmar u ghalhekk l-istess ghandu jirrispondi ghad-danni kollha sofferti mill-attur

fil-vettura tieghu; illi l-konvenut gie interpellat jersaq ghal-likwidazzjoni tad-danni sofferti u ghal hlas tal-istess uzda baqgha inadempjenti; talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara u tiddecidi illi l-incident fuq imsemmi sehh unikament tort u htija tal-konvenut li saq il-vettura tieghu b'velocita eccessiva, b'negligenza u non kuranza tar-regolamenti tat-traffiku kif inghad fuq;
2. tillikwida, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, d-danni sofferti mill-attur;
3. tikkundanna lill-konvenutihallas l-ammont li jigi hekk likwidat lill-attur.

Bl-ispejjes komprizi tal-presenti u tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Marzu 2000 u dik bonarja tal-24 ta' Frar 2000 kontra l-konvenut li huwa minn isa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat d-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda ta' l-attur.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fis-27 ta' Ottubru 2000 li permezz taghha eccepixxa:-

1. illi l-ewwel talba attrici ghandha tkun respinta billi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma garax tort tal-eccipjent izda gara unikament htija ta' Deo Curmi li kien isuq il-vettura tal-attur.
2. Illi konsegwentement ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-attur.
3. Illi l-konvenut ghalhekk ma ghandux jigi kundannat ihallas ebda danni lill-attur.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat il-verbal ta' l-udjenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tat-23 ta' Novembru 2000 meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tal-4 ta' Dicembru 2000 sabiex tigi trattata u deciza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-24 ta' April 2002 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Din il-kawza tikkoncerna incident awtomobilistiku li sehh fit-12 ta' Frar tas-sena 2000 ghal habta tas-1.30 p.m. fl-inkrocju format minn Rue D'Argens u Sliema Road, li mill-Gzira twassal ghal Kappara. Il-vetturi involuti kienu karozza tal-Linja numru EBY 545 misjuqa mill-konvenut li kienet qed tinsaq gewwa Rue D'Argens fid-direzzjoni tas-Savoy u Opel numru BAT 773 misjuqa minn iben l-attur li dak il-hin kienet qed taqsam l-istess Rue D'Argens sabiex mid-direzzjoni tal-Gzira titla lejn il-Kappara. L-inkrocju in kwistjoni huwa wiehed traffikuz hafna billi jgongi diveris arterji ta' importanza. Kien ghalhekk li f'dan l-inkrocju xi zmien ilu gew istallati 'traffic lights' li jikkontrollaw it-'traffic flow'. Mix-xhieda tal-ufficjal li investiga l-incident u li ghandu esperjenza kbira tal-lokalita', stante li ilu zmien twil stazzjonat l-ghassa ta' Sliema, is-sekwenza ta' kif jinbidlu d-dwal f'dan l-inkrocju qatt ma tbidlet.

Din il-Qorti ghalhekk accediet wahedha fuq il-post, u dan wara li infurmat lill-partijiet fl-ahhar udjenza, u irrizulta li d-dwal jinbidlu "in a clockwise system" cioe, jekk niehdu bhala punto di partenza Sliema Road minn fejn kien hiereg iben l-attur, l-ewwel dan jixghel ahdar, b'mod li jippermetti t-traffiku johrog sabiex jew jaqsam ghall-parti opposta ta' Sliema Road, jew jipprocedi - l-isfel jew 'l fuq go Rua D'Argens. Meta dan il-'light' jaqleb ghal ahmar, it-'traffic lights' gewwa Rue D'Argens - kemm dawk fuq in-nahha tal-Msida kif ukoll dawk fuq in-naha tas-Savoy - jaqilbu ghall-ahdar biex b'hekk it-traffiku li jkun wieqaf gewwa din it-triq jkun jista jipprocedi, jew fid-dritt jew jigbed lejn il-Kappara. Jigi rilevat li l-parti ta' Sliema Road minn fejn kien hiereg iben l-attur, hija 'one way' il-barra biss. Meta dawn it-'traffic lights' jaqilbu ghall-ahmar jkun jmiss lill-vetturi fi Sliema Road, gejjin mid-direzzjoni tal-Kappara, li johorgu. U hekk jibqghu jahdmu dawn il-lights.

Il-kwistjoni kollha li waslet ghal din il-vertenza hija marbuta mal-'lights'. 'Traffic lights' johoqu eccezzjoni ghar-regola tad-dritt ta' precedenza stabbilita fil-Highway Code fejn il-vetturi fuq triq principali ghandhom dejjem precedenza fuq il-vetturi li jkunu hergin minn triq sekondarja. Dawn it-'traffic lights' jbiddlu dan kollu billi jikkontrollaw'il-flow' tat-traffic, sew fuq t-toroq principali kemm fuq dawk sekondarji billi jistabilixxu hin determinat meta vetturi fuq triq jew f'ohra jkunu jistghu jipprocedu. Dawn il-'lights' ghalhekk jservu skop definit u importanti billi f'inkrocji ta' certa volum ta' traffiku, jippermettu lit-traffiku hiereg minn toroq sekondarji, li jipprocedi. Daqstant ukoll jista' jinghad f'kaz fejn dawn il-'lights' jikkontrollaw zewg toroq ta' l-istess importanza. Huwa ghalhekk determinanti li s-sewwieqa jsegwu d-direttivi tat-'traffic lights'. Kuntrarjament jistghu jinholqu incident. Dan premess pero' ghandu jinghad li daqskemm huma importanti dawn it-'traffic lights',

id-determinazzjoni ta' htija f'incident f'inkrocju kontrollat minnhom, johloq diffikulta enormi ghall-gudikant. Dan qed jinghad billi f'dawn it-tip ta' kollizzjonijiet kull parti involuta tinsisti li hija harget fuq l-'*ahdar'*. Il-kwistjoni kollha ghalhekk tirrisolvi ruhha f'kwistjoni ta' kredibilita'.

Fil-kaz in ezami ma hemmx dubbju li Rue D'Argens hija triq principali fil-konfront ta' Sliema Road. Dan pero', ghar-ragunijiet li inghad fuq, huwa ghal kollox irrilevanti ghax t-'traffic lights' jghatu d-dritta u mhux konsidrazzjonijiet ta' 'main road' jew 'side road'. F'dan il-kaz insibu ukoll li z-zewg sewwieqa jinsistu li huma hargu meta l-'lights' fil-kantuniera taghhom kienu fuq l-'*ahdar'*. Infatti fil-premessi tac-citazzjoni l-attur qed isostni li l-konvenut kien negligenti, u ghalhekk ghandu jirrispondi ghad-danni kagunati, billi dan naqas li josserva l-indikazzjoni senjaletika u hareg fuq l-ahmar. Il-konvenut ghal kuntrarju jsostni li kien iben l-attur li kkaguna l-iskontru billi huwa mexa meta it-'traffic lights' tieghu kien qalbu fuq l-ahdar.

Ikkunsidrat:-

Li skizz tal-incident juri l-vetturi mahbutin f'nofs l-inkrocju in kwistjoni. Dan naturalment ma jagevola l-ebda tezi ta' parti jew ta' ohra. Il-verzjonijiet moghtija mis-sewwieqa lill-ufficjal li investiga l-kaz jhallu daqstant dubbju dwar x'gara ezattament. Infatti l-konvenut gie riportat li qal hekk: "*He stopped on the bus stop in Rue D'Argens, Gzira - near Toni & Guy - and then proceeded behind other traffic towards Sliema. He saw the lights showing green and thus continued proceeding. When suddenly car BAT 773 emerged out of Sliema Road from his right hand side, and consequently the collision occurred."*

Il-verzjoni ta' iben l-attur fl-okkorrenza hija s-segwenti: "*He proceeded along Sliema Road and stopped on the red lights on the corner with Rue D'Argens. He was the first car in line waiting for the lights to turn. The lights turned amber. He waited and the lights turned green and he proceeded across with the intention of driving up Sliema Rd. towards San Gwann. When suddenly bus EBY 545 proceeded along Rue d'Argens from his left hand side and same dashed into his left hand side. Same also stated that when the light turned green and he started to proceed, no other vehicle passed along Rue D'Argens before the bus in question.*"

Fl-okkorrenza tal-incident insibu li l-ufficjal inkarigat ha x-xhieda ta' terza persuna li kienet presenti waqt l-incident. Din kienet Michelle Sultana. Waqt ix-xhieda taghha rrizulta li din Sultana toqghod go Sliema Road, lura minn fejn kien wieqaf iben l-attur u f'appartament li jinsabu fuq ix-xellug tat-triq int u qed toqrob Rue D'Argens. Din hija riportat hekk fl-okkorrenza: "*She had just gone out of the flats where she resides and was about to cross to the other side when she herad the sound of two cars crashing, and she looked at the traffic lights situated in Sliema Rd c/w Rue D'Argens and noticed that they were green.*" Skond P.S. Gerada, li investiga l-incident, din ix-xhieda kienet avvicantu hi minn jgheddha biex taghti l-verzjoni taghha. Hu kompla jghidi li waqt l-investigazzjonijiet huwa kien kellem xi nies ohra izda dawn kienu qalulu li ma kienux taw kaz id-dwal kif kienu.

Il-verzjoni moghtija minn din Michelle Sultana, abbinata mas-sekwenza tad-dwal kif jixghelu, taghti kredibilita' lill-verzjoni ta' iben l-attur. Daqstant ixxejjen s-sottomissjoni tal-abli difensur tal-konvenut fis-sens li iben l-attur seta' hareg malajr wisq meta d-dwal go Rue D'Argens kienu

ghadhom favur it-traffiku f'dik it-triq. Dana qed jinghad billi kemm-l darba d-dwal go Sliema Road kienu ghadhom hodor, kif issostni Sultana, l-ewwel nett dawk go Rue D'Argens qatt ma setghu kienu l-istess kulur, u inoltre d-dwal go Rue D'Argens jaqilbu ghal ahdar wara li d-dwal go Sliema Road, cioe l-parti minnha minn fejn kien hiereg iben l-attur, jkun qalbu ghal ahmra.

B'dana kollu l-konvenut jinsisti li l-incident sehh kif jghid hu u in sostenn tal-verzjoni tieghu ressaq tlett xhieda li "*allegatament"* kienu jinsabu fuq il-Bus fl-hin tal-habta. Din il-Qorti izda ma hijiex propens li taghti kredibilita' lill-dawn ix-xhieda u sahansitra lill-verzjoni tal-istess konvenut. Dan ghar-ragunijiet segweni:-

1. Fl-ewwel lok, kif gja gie riportat hawn fuq, l-ufficjal inkarigat waqt l-investigazzjonijiet tieghu u wara li kien kellem xi persuni, li kienu presenti, wasal ghal konkluzzjoni li dawn ma setghu jitfghu ebda dawl fuq il-kwistjoni billi ma kienux jafu xejn dwar kif kienu d-dwal go Rue D'Argens meta imxiet il-bus.
2. Ma jirrizultax jekk il-persuni li kienu kellem l-ufficjal inkarigat kienux it-tlett xhieda li resaq il-konvenut. Issa jirrizulta mill-okkorrenza, u dan ma gie negat minn hadd, li l-pulizija waslu fuq il-post hames minuti wara l-habta u cioe fil-13.35p.m. Din il-Qorti ghalhekk ghandha tassumi li l-passiggiera kollha li kienu fil-bus kienu ghadhom presenti specjalment minhabba dak li ser jinghad hawn taht. Konsegwentement dawn it-tlett xhieda setghu taw l-verzjoni taghhom lill-ufficjal inkarigat, bhal ma ghamlu quddiem il-Qorti.
3. It-tlett xhieda u cioe Joseph Busuttil, Carmel Frendo u Malcolm Aquilina, xhedu fl-istess udjenza. Dan sar appositament sabiex tigi

mwarrba kull possibilita' kolluzzjoni bejniethom. Minn ezami akkurat tal-verzjonijiet ta' dawn it-tlett persuni jirrizulta li hemm inkonsistenzi ta' certa rilevanza. Infatti ghalkemm it-tlett xhieda jsemmu li kien hemm zewg vetturi wefin quddiemhom u huma mxew warajhom, l-ebda verzjoni ma taqbel ma l-ohra dwar x'sar minn dawn il-vetturi u dana ghalkemm ix-xhieda kellhom vizwali tajba tat-triq quddiem. Josep Busuttil qal li dawn z-zewg vetturi mxew fid-dritt ghas-Savoy. Frendo ma kienx cert x'gara minnhom, filwaqt li Aquilina xhed li wahda minn dawn il-vetturi daret lejn il-Kappara u l-ohra marret ghad-dritt. Hemm ukoll inkonsistenzi dwar it-traffiku gej mill-faccata. Busuttil qal li hu ra Van wieqaf "*il-fuq hafna u xejn izjed."* Frendo qal li ra karozzi gejjin mill-faccata, filwaqt li Aquilina qal li mill-faccata kien hemm xi zewg karozzi jew tlieta u meta mxew wahda dahlet lejn il-Kappara u l-ohra imxiet ghad-dritt.

4. Il-konvenut xhed li huwa kien induna b'dawn it-tlett persuni wara l-incident izda kellu jmur joqghod ghassa ghalihom l-ghada jew il-pitghada billi ma kienx jaf x'jisimhom. Issa, din il-Qorti tistaqsi, kif il-konvenut setgha osserva tlett persuni u <u>mhux persuna wahda</u> meta dik ir-rotta ma kienetx tieghu u jahdima biss darba fis-sena, u kif setgha osserva lill-dawn il-persuna fuq l-istess rotta meta dik ma kienetx triqthom billi kif xhedu huma stess kienu hemm b'kumbinazzjoni? Il-verzjoni tal-konvenut ma takkwistax kredibilita' meta rrizulta, u dan in kontro ezami biss, li t-tlett xhieda huma kollha, b'kumbinazzjoni, impjegati tal-Public Transport Authority. Infatti Aquilina huwa Bus Inspector, Busuttil huwa Transport Assistant u Frendo huwa Dispatcher. Ghalkemm dawn jahdmu jew l-ufficcju jew fuq rotot differenti, b'kumbinazzjoni

jerga jinghad, dawn kollha kienu fuq il-bus sejra lejn Tas-Sliema waqt il-hin tax-xoghol taghhom.

Minn dana kollu din il-Qorti tasal biex taghti kredibilita' lill-verzjoni ta' iben l-attur billi din tinsab korroborata mix-xhieda ta' Michelle Sultana persuna ghal kollox indipendenti u li offriet minn jgheddha li taghti x-xhieda taghha meta setghet facilment tibqa' barra mill-kwistjoni. Ghalhekk din il-Qorti ssib li l-incident gara tort u htija tal-konvenut.

Ikkunsidrat:-

Dwar id-danni reklamati ma jidhirx li hemm kontestazzjoni. L-attur ipproduca nota b'diversi dokumenti konsistenti f'Cash Sales u invoices ghall-ispare parts u xoghol li sar fuq il-vettura tieghu. Dawn jinsabu a fol 117 et sequitur tal-process u b'kollox jilahqu ghas-somma ta' LM1629.36 (elf sitt mija disgha u ghoxrin lira maltin sitta u tletin centezimu) il-Qorti ghalhekk qedha tillikwida d-danni attrici f'dana l-ammont.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tiddisponi minn din il-vertenza billi tiddikjara l-konvenut unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi u ghad-danni sofferti mill-attur, tillikwida d-danni attrici fis-somma ta' elf sitt mija disgha u ghoxrin lira sitta u tletin centezimu (LM1,629.36), u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attur l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenut.

Onor Imhallef Albert J. Magri